**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kaz Numru: 10/2005**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Daryl Farr)**

**vs.**

**Trevor Bonnici**

Illum it-22 ta' Frar 2022

Il Qorti:

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-akkuzat Trevor Bonnici, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 576976M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta tal-kannabis, jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksurtal-artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U talli biegh jew xort'ohra ttraffika fir-raza mehuda mill-pjanta kannabis jew xi prepazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza.

Rat is-sentenza tal-Qorti Civili Prim' Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) moghtija nhar il-Hamis, l-10 ta' Novembru 2016 mill-Onor. Imhallef Mark Chetcuti fil-kawza Trevor Bonnici vs l-Avukat Generali.

Rat illi din is-sentenza iddikjara l-istqarrija li nghatat mill-imputat nhar il-21 ta' Lulju 2004 saret bi ksur tal-jedd fundamentali tieghu hekk kif imharsa bl-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni, b'rabta mal-artikolu 6(1) taghha u konsegwentement laqghet it-talba tar-rikorrent bill hassret is-sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta' Frar 2015, kif ukoll dikk tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-16 ta' Dicembru 2015.

Rat illi ghalhekk illum, din il-Qorti kellha terga tibda l-process penali mill-gdid tenut kont ta' dak iddikjarat permezz ta' din is-sentenza.

Rat li din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif inhi diversament ippreseduta nhar il-10 ta' Mejju 2019 b'digriet moghti mis-Sinjurija Tieghu il-Prim' Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi LL.D.[1]

Semghet ix-xhieda tas-Supretendent Sandro Camilleri (eks PS 43) li nghatat nhar it-23 ta' Novembru 2021.

Rat li l-prosekuzzjoni u d-difiza, it-tnejn ghalqu l-provi taghhom nhar it-23 ta' Novembru 2021 u fl-istess udjenza ghamlu s-sottomissjonijiet taghhom.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

[1] Folio 136 ta' l-atti processwali

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti rat li dan il-kaz immur lura ghal-Lulju 2004 meta l-imputat tressaq tali kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta tal-kannabis kif ukoll gie akkuzat tali biegh jew xort' ohra ttraffika din ir-raza.

Illi l-prosekuzzjoni ressqet biss xhud wiehed li huwa ufficjal tal-pulizija u li serva bhala xhud ta' l-istqarrija – liema stqarrija diga giet iddikjarata li ma saritx in konformi mal-ligi.

Mill-bqija din il-Qorti ma ngabu ebda provi ohra x'tista tikkunsidra u taghrbel.

Il-Qorti ghalhekk tqis li wara li l-Qorti gharblet il-provi kollha imressqa, tqis li mill-assjem tal-provi kif migbura u mressqa quddiem din il-Qorti tqis li mil-provi tal-prosekuzzjoni u x-xhieda tal-prosekuzzjoni, fil-preponderanza tal-provi prodotti, il-Qorti hija konvinta li l-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova il-kaz taghha sal-grad rikjest f'proceduri penali fir-rigward l-imputazzjonijiet imressqa kontra l-imputat, u sejra taghddi sabiex ma ssibu hati taghhom u tilliberah minn kull htija u imputazzjoni.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 8(a), 8(b), it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939 issib lil Trevor Bonnici **mhux hati** ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrih u tilliberah minn kull piena u htija.

**Moghtija illum nhar it-22 ta' Frar 2022 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**